**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 27 ta’ Awwissu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs.**

**Norman Spiteri**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: <u>Norman Spiteri</u> ta' 62 sena iben George u Inez xebba Calleja, imwieled nhar it-2 ta' Jannar 1961 gewwa 1-Pieta' Malta, residenti gewwa 1-fond 31, St Michael flats, flat 2, Triq Guzeppi Agius, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita numru 41461(M)**

**<u>Akkuzat talli</u>:**

*Fil-21 ta' Jannar 2016 u/jew fil-granet ta' qabel din id-data gewwa l-Mosta u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:*

*1. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat,b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi*

*ddahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet,obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli,dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jthallsu l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok RA 2), *current incident report* (Dok RA 7), il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok RA 3) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u jerga jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u semghet ukoll lill-prosekuzzjoni tikkonferma li in vista tal-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u kif ukoll in vista tac-cirkostanzi tal-kaz hija ma kienetx qed tinsisti fuq piena karcerarja effettiva izda wahda fejn it-terminu ta' prigunerija jkun sospiz. Minn naha taghha d-difiza filwaqt li abbraccjat is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni ziedet li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija li kwindi ghandha wkoll twassal ghal mitigazzjoni fil-piena u kif ukoll li l-loan in kwistjoni thallas mill-imputat minghajr ebda effett negattiv fil-konfront tal-ex mara tieghu.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz kif jemergu mill-atti u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni taghhom.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Norman Spiteri** ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah **ghal perijodu ta' tlettax (13) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) millum**.

Il-Qorti spjegat lill-hati **Norman Spiteri** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Awwissu 2023**